**11.** Gina Lia xehdet[2] kif ghal habtha ta' Mejju 2008, huha Brooks Lia kien ser jghaddi guri u kellu bzonn il-flus biex ihallas lill-avukat. Hi, huha Brooks Lia, Clive Micallef il-partner taghha u l-imputata, li dak iz-zmien kienet il-partner ta' Brooks Lia, ftiehmu li l-ehfef mod kien li jakkwistaw cekkijiet, jixtru l-affarijiet bihom u mbaghad dawn l-affarijiet ibieghhom u bil-flus li jakkwistaw ihallsu lill-avukat.

**12.** Gina Lia kompliet tghid li l-ewwel cheque jew cheque book (ghax ma ftakritx) kienu serquh hi u Clive Micallef minghand Spot On Gypsum Ltd. Imbaghad marru hi u huha Brooks Lia go stabbiliment tal-merca Bugibba u sarrfu cekk minnhom, u jekk kien hemm cekkijiet l-ohra qattghuhom. Imbaghad iddecidew li jgibu chequebook iehor. Hi tghid li kienu Brooks Lia, Clive Micallef u l-imputata li gabu chequebook iehor minghand l-Spot on Gypsum Ltd.

**13.** Brooks Lia xehed[3] kif hu, Clive Micallef u l-imputata marru ghand l-Spot On Gypsum Limited. L-imputata baqghet fil-karozza, u hu u Clive Micallef dahhlu fl-istabbilment. Fil-waqt li Clive Micallef talab stima lis-salesman ghal xi xoghol tal-gypsum, Brooks Lia seraq ktieb li minghalih kien chequebook u li kien fuq il-mejda tal-ufficju. Jghid ukoll li meta mar juri dan ic-chequebook lill-imputata li kienet fil-karozza, din qaltlu li dak ma kienx chequebook izda deposit book. Ghalhekk hu rega' dahal dak il-hin stess fl-istabbiliment biex seraq ic-chequebook.

[2] Ara fol. 180 *et seq.* tal-process.
[3] A fol. 165 *et seq.* tal-process.

**14.** Brooks Lia jghid li peress li l-guri tieghu kien vicin, ohtu Gina Lia u l-imputata tawh parir biex ma juzax ic-cekkijiet hu, izda juzawhom huma, biex ma jirriskjax li jinfethu proceduri kriminali kontrih. Hu kien iwassalhom bil-karozza tieghu fi stabbilimenti differenti fejn kienu jixtru l-affarijiet b'dan ic-chequebook.

**15.** Gina Lia xehdet li gieli kienu jixtru mill-istabbilimenti hi u l-imputata flimkien, gieli kienet tmur tixtri hi wahedha, gieli l-imputata wahedha, gieli Clive Micallef wahdu, u ma kinitx certa jekk huha Brooks Lia kienx mar jixtri wahdu ukoll. Gina Lia xehdet illi meta kienet tmur tixtri wahedha kienet hi li tiffirma c-cekkijiet, pero meta kienet tkun mal-imputata kienet tkun l-imputata li tiffirmahom. Gina Lia qalet ukoll li l-affariijiet li kienu jixtru kienu jbieghuhom lil terzi persuni.

**16.** Jesmond Abela u Domenic Abela, diretturi tas-socjeta Spot On Gypsum Ltd., u Charlton Bugeja skrivan tal-istess socjeta, xehdu kif insterqilhom chequebook tas-socjeta mahrug mill-BOV Bank plc, u talbu lill-istess bank jaghmel stop-payment fuq il-kont bankarju taghhom. Dan gie konfermat ukoll bil-gurament minn Romwald Attard,[4] rapprezentant tal-istess bank, is-socjeta Spot On Gypsum Ltd ghandha kont bankarju bin-numru 1630951016, u fil-25 t'April 2008 id-diretturi ta' din is-socjeta talbu lill-Bank jaghmel stop payment fuq ic-cekkijiet bin-numri minn 5990 sa 6040. Sussegwentement, fl-20 ta' Mejju 2008, din is-socjeta regghet talbet lil Bank jaghmel stop payment fuq ic-cheque book bin-numri 6041 sa 6140.[5]

**17.** F'dawn il-proceduri xehed ukoll Dennis Ebejer[6] li fil-15 ta' Mejju 2008 kien jiggestixxi l-hanut Contemp Interiors B'Kara, flimkien ma martu Maria Elena Ebejer Ciantar. Hu xehed li l-imputata – li gharaf fl-awla – kienet marret il-hanut tieghu u talbietu xi affarijiet minn fuq xi xkafef u mill-istore. Hija telqet minghajr ma xtrat xejn, u sussegwentement induna li kellu chequebook nieqes. Dan ic-chequebook kien fuq ismu u fuq martu, mahrug mill-HSBC Bank Ltd, bin-numru 0161084620001, u huwa talab stop payment fuq ic-cheque bin-numru 410, u cheques bin-numri 412 sa 450. Dan gie konfermat bil-gurament minn Audrey Ghigo, rapprezentanta tal-istess bank.[7]

---

[4] A fol. 155 tal-process.
[5] Ara r-rapporti tal-pulizija datati 13 ta' Mejju 2008 (Dok AG2) u 19 ta' Mejju 2008 (Dok AG3) a fol. 150 tal-process.
[6] A fol. 213 tal-process.
[7] A fol. 162 tal-process.

**18.** L-imputata qieghda tigi mixlija li hija wahedha bi frodi uzat dawn ic-cekkijiet misruqa biex tixtri minn sittax (16)-il stabbiliment differenti (imputazzjonijiet numru 19 sa 24), u flimkien ma' Gina Lia uzat dawn ic-cekkijiet misruqa sabiex tixtri minn tnejn u ghoxrin (22) stabbiliment differenti (imputazzjonijiet numru 40 sa 61) – total ta' 38 stabbiliment. Ovvjament il-banek irrifjutaw li jsarrfu dawn ic-cekkijiet misruqa, ghax kien hemm stop payment fuqhom, u ghaldaqstant dawn l-istabbiliment gew defrawdati.

**19.** Il-prosekuzzjoni ressqet bhala xhieda persuni li kienu jahdmu ma', jew huma s-sidien ta' dawn l-istabbiliment li gew defrawdati, hlief ghal dak li jirrigwarda l-imputazzjoni numru 21 (Gerald Attard, Total Mobile) u l-imputazzjoni numru 58 (Nicky Farrugia ta' D&N Discount Store), li ma gewx imressqa bhala xhieda sabiex jikkonfermaw ic-cekkijiet li ma gewx onorati mill-bank u d-danni sofferti minnhom. Ghaldaqstant, l-imputata ma tistax tinstab hatja fir-rigward tal-imputazzjonijiet numru 21 u 58.

**20.** Mix-xhieda prodotti mill-Prosekuzzjoni, kien hemm diversi xhieda li identifikaw lill-imputata bhala l-persuna illi kienet iffirmat u ipprezentat c-cekkijiet misruqa, u ohrajn li ghal xi raguni jew ohra, inkluz it-trapass ta' snin mill-akkadut, ma identifikawx lill-imputata bhala l-persuna li ipprezentatilhom ic-cekkijiet misruqa.

**21.** Id-difiza taghmel enfasi fuq il-fatt li numru ta' xhieda ma identifikawx lill-imputata, li Brooks Lia u Gina Lia ma ftakrux l-ismijiet u/jew postijiet ta' hafna mill-istabbilimenti fejn marru jixtru, u peress li kien jibqa' fil-karozza, Brooks Lia ma setghax jghid min kien jiffirma c-cekkijiet in kwistjoni.

**22.** Pero, din il-Qorti hija obbligata li tiehu in konsiderazzjoni mhux biss il-provi diretti, u cioe fejn ix-xhieda identifikaw lill-imputata bhala l-persuna li effettivament iffirmat u tathom ic-cekkijiet misruqa fl-istabbilimenti, izda wkoll il-provi indizzjarji li tressqu mill-prosekuzzjoni.

**23.** Mill-atti processwali jirrizulta li c-cekkijiet misruqa minghand is-socjeta Spot On Gypsum Ltd u li l-imputata hija mixlija li uzat biex tixtri minghand stabbilimenti u ssusegwentement ma gewx onorati mill-BOV p.l.c. jgibu numru bejn in-numru 6041 u 6140, li huwa t-tieni chequebook li fuqu intalab stop payment minn din is-socjeta fid-19 ta' Mejju 2008. Mix-xhieda ta' Brooks Lia u Gina Lia, li ma giet bl-ebda mod kontradetta, dan ic-chequebook insteraq minn Brooks Lia, bil-komplicita ta' Clive Micallef u tal-imputata, specifikament bl-intenzjoni li jmorru jixtru u jhallsu bic-cekkijiet f'dan ic-chequebook, u dan sabiex jaghmlu gwadann illecitu.

**24.** Dennis Ebejer ukoll identifika lill-imputata bhala l-persuna li serqitlu c-chequebook mahrug mill-HSBC p.l.c. u mill-atti jirrizulta li c-cekkijiet uzati biex jinxtraw affarijiet minn stabbilimenti huma bejn in-numru 410 u 450, li huwa appuntu c-chequebook li gie misruq mill-imputata lil Ebejer u li fuqu talab stop payment.

**25.** Dawn il-fatti, li ma gew bl-ebda mod kontestati mid-difiza, joholqu element qawwi ta' prova indizzjarja (*circumstantial evidence)* li jippuntaw f'direzzjoni wahda, u cioe li anke fil-kaz ta' dawk l-imputazzjonijiet, fejn il-parti leza jew l-impjegati taghha, ma kinux f'posizzjoni li jidentifikaw lill-imputata bhala l-persuna li iffirmat u ghadditilhom c-cekk misruq, l-imputata kienet konsapevoli u attivament assistiet u sahhet il-volonta tat-tlett ko-akkuzati l-ohra li kien hemm maghha f'dawn il-proceduri sabiex dawn ic-cekkijiet misruqa jintuzaw sabiex jiddefrawdaw lill-istabbilimenti koncernati. Konsegwentement il-Qorti hija konvinta sal-grad rikjest fil-kamp kriminali li hija kienet komplici fil-kommissjoni ta' dawn ir-reati fil-konfront ta' dawn l-istabbilimenti, ai termini tal-Artikolu 42(c),(d) u (e) tal-Kodici Kriminali.

**26.** Din il-Qorti qieghda tasal ghal din il-konkluzjoni in vista li l-Artikolu 467(2) tal-Kodici Kriminali – rez applikabbli ghal proceduri quddiem din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali bl-Artikolu 525(3) tal-Kodici Kriminali – jippreskrivi li meta ma jigix ippruvat li l-akkuzat kien l-awtur jew wiehed mill-awturi tar-reat migjub fl-att tal-akkuza, izda jigi ippruvat li kien komplici, il-guri jista' jiddikjara l-akkuzat hati ta' komplicita'. Din l-interpretazzjoni giet ikkonfermata mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kaz **Ir-Repubblika ta' Malta vs Dr Lawrence Pullicino** deciza fil-15 t'April, 1994.

**27.** Id-difiza tissottometti wkoll illi dan il-kaz origina kontra erba' (4) min-nies li tlieta (3) minnhom irregistraw ammissjoni, u l-Prosekuzzjoni fl-ebda hin ma rnexxielha tipprova x'kien l-allegat profitt li l-imputata setghet ghamlet bl-allegat involviment taghha f'dan il-kaz. Id-difiza donnha qed tinsa li fit-tfixxija li saret fir-residenza tal-imputata instabu uhud mill-oggetti li gew mixtrija mic-cekkijiet misruqa. Pero *dato ma non concesso* li l-imputata ma ghamlet l-ebda qliegh ghaliha personali minn din il-manuvra, dan huwa totalment irrelevanti mil-lat legali ghax ir-rekwizit tal-Artikolu 308 huwa li l-persuna in kwistjoni *"jagħmel qligħ bi ħsara ta' ħaddieħor"*, minghajr ma jispecifika min ghandu jkun il-beneficjarju ta' dan il-qligh illegali. Ghalhekk ghal fini tal-Artikolu 308, jista' jkun hemm ir-reat ta' truffa, anke jekk il-qligh ikun intiz biex tigi ivvantaggjata xi terza persuna, u l-awtur jew komplici tar-reat ma jiggwadajna xejn.

**28.** Argument identiku ghal dak tal-imputata, pero fil-kuntest tar-reat ta' serq, gie rigettat fis-sentenza **Il-Pulizija vs Anthony Balzan** deciza fis-26 ta' Marzu 2015, fejn il-Qorti tal-Appell Kriminali (sede Inferjuri)[8] qalet hekk:

*"L-appellant jargumenta illi huwa ma ha xejn minn dan it-tbaghbis peress illi l-kont tad-dawl kien f'isem is-socjetà u se mai kienet l-istess socjetà illi hadet xi beneficcju. Ovvjament dan l-argument ma jistax iregi. Meta l-awturi jitkellmu dwar profitt gej mis-serq dan qed jghiduh bl-aktar mod wiesgha tal-kelma u mhux bilfors ikun profitt f'termini monetarji izda bizzejjed ikun fl-aktar termini generici ta' gwadann, liema gwadann m'ghandux ghalfejn ikun personalment tal-persuna koncernata izda anke ghal haddiehor inkluz socjetà ta' responsabiltà limitata bhalma hu f'dan il-kaz."*

**29.** Fid-dawl ta' dan il-konsiderazzjonijiet, il-Qorti hija tal-opinjoni, li ladarba jirrizultaw r-rekwiziti ta' truffa, l-imputata ghandha tinzamm responsabbli personalment, anke jekk, ghal grazzja tal-argument biss hija ma iggwadanjat xejn personalment.

**30.** Ghalhekk, l-imputata qed tinstab hatja bhala awtur tas-segwenti imputazzjonijiet ta' truffa:

(i) numru 19 – xhieda ta' Lilian Galea ta' Paulcam Stationery a fol. 231 tal-process
(ii) numru 27 - xhieda ta' Paul Grech ta' APG Supermarket a fol. 290 tal-process
(iii) numru 30 - xhieda ta' Raymond Cutajar ta' Jokate a fol. 251 tal-process
(iv) numru 31 - xhieda ta' Bronwen Maria Farrugia ta' Top Gear a fol. 300 tal-process
(v) numru 32 – Michelle Chapel ta' Horos Limited a fol. 254 tal-process
(vi) numru 33 - Timothy Tonwuru ta' The Pathfinders a fol. 235 tal-process
(vii) numru 40 - Matthew Caruana ta' Iklin Computer Centre a fol. 262 tal-process
(viii) numru 42 - Svetlana Licari ta' Envie Jewellery a fol. 416 tal-process
(ix) numru 43 - Michelle Scerri ta' Crocker Jeans Station a fol. 305 tal-process
(x) numru 46 - Lorita Galea ta' Bubbles Shoe Shop a fol. 321 tal-process
(xi) numru 48 - Simon Tabone ta' Forestals Group of Companies Limited a fol. 406 tal-process
(xii) numru 49 - Simon Tabone ta' Forestals Group of Companies Limited a fol. 406 tal-process
(xiii) numru 54 - Alfrida Debattista ta' GDS Limited a fol. 342/347 tal-process

[8] *Per* Imhallef Michael Mallia.

(xiv) numru 61 – xhieda ta' Frank Piscopo ghal Piscopo Cash & Carry a fol. 454 tal-process.

Il-Qorti tipprecciza li fir-rigward tal-imputazzjonijiet 48 u 49, ix-xhud Simon Tabone ma kienx prezenti meta l-imputata iffirmat u ipprezentat ic-cekkijiet misruqa lill-kaxxiera tal-Forestals. Meta c-cekkijiet ma gewx onorati mill-bank, bhala credit controller dan ix-xhud kien ikkuntattja lill-imputata, u hi kienet hallset l-ammont kollu dovut a bazi ta' dawn ic-cekkijiet. Ix-xhieda ta' Simon Tabone ma giet bl-ebda mod kontradetta mid-difiza.

**31.** L-imputata qed tinstab hatja bhala komplici tas-segwenti imputazzjonijiet ta' truffa: numru 20, 22, 23, 24, 25, 26, 28, 29, 34, 41, 44, 45, 47, 50, 51, 52, 53, 55, 56, 57, 58, 59 u 60.

**32.** Rigward l-imputazzjoni numru 14, ir-reat kontinwat ta' ricetazzjoni ta' cekkijiet misruqa, mill-provi jirrizulta ampjament, li ghalkemm l-imputata ma kinietx il-persuna li fizikament serqet ic-chequebook tas-socjeta Spot On Gypsum Limited, dan ic-chequebook kien fil-pussess taghha, u ghamlet uzu minnu f'diversi okkazzjonijiet.

**33.** Rigward l-imputazzjonijiet numru 15, 16, 17 u 18, u cioe r-reati kontinwati ta' iffalsifikazzjoni ta' dokumenti, u cioe c-cekkijiet misruqa, u l-uzu taghhom, dawn l-imputazzjonijiet gew debitament ippruvati fil-kaz tal-imputazzjonijiet bin-numri elenkati fil-paragrafu 30 fejn l-imputata kienet l-awtur ta' dawn ir-reati, u fil-kaz tal-imputazzjonijiet elenkati fil-paragrafu 31 hija kienet komplici f'dawn ir-reati.

**34.** Rigward l-imputazzjoni numru 64, mill-provi jirrizulta li l-imputata ikkommettiet dawn ir-reati waqt il-perjodu operattiv ta' tlett sentenzi sospizi imposti fuq l-imputata minn din il-Qorti diversament preseduta, fit- 2 ta' Ottubru 2007, fil-31 ta' Ottubru 2007, u fis-6 ta' Dicembru 2007, liema sentenzi kienu saru definittivi u ma setghux jigu mibdula.

**35.** Rigward l-imputazzjoni numru 65, mill-provi jirrizulta wkoll li l-imputata hija hatja wkoll li kisret l-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta meta ikkommettiet dawn ir-reati waqt ordni ta' Probation imposta b'sentenza moghtija minn din il-Qorti diversament preseduta fit-12 ta' April 2007.

**Konsiderazzjonijiet dwar Piena**

**36.** Rigward il-piena, il-Qorti ikkunsidrat illi mill-provi jirrizulta li l-unika rifurtiva li giet ritornata lil sidha, kienu zewg oggetti li nstabu fil-pussess tal-imputata mill-Pulizija, u cioe laptop li gie ritornat lil Iklin Comp Centre u fan li gie ritornat lil GDS Ltd. L-imputata hallset ukoll l-ammonti li d-defrawdat lis-socjeta Forestals Group of Companies Limited[9], ghaliex il-credit controller ta' din is-socjeta irnexxielu jirrintraccaha u qalilha biex thallas. Rigward il-kumplament tal-vittmi, ma jirrizultax mill-atti li l-imputata pruvat taghmel xi tentattiv biex ghall-inqas thallas xi ftit mill-vittmi taghha. Dan gie konfermat ukoll mid-difiza waqt it-trattazzjoni orali.[10]

**37.** Il-fedina penali tal-imputata hija wahda raffrettarja. Hija ghandha erbatax (14)-il kundanna minn dawn il-Qrati, kollha talli ikkommettiet frodi, hafna drabi billi iffalsifikat u ghamlet uzu ta' dokumenti foloz fil-konfront ta' diversi persuni. Hija inghatat diversi okkazzjonijiet minn dawn il-Qrati, fosthom liberta kondizzjonata, probation order u hames sentenzi sospizi, li kollha gew miksura inkluz dawk li instabet hatja li kisret f'dawn il-proceduri. L-ahhar reat ta' frodi gie kommess f'Settembru 2017. Bhalissa l-imputata qieghda l-habs tiskonta diversi pieni ta' prigunerija.

**38.** Fit-trattazzjoni orali, id-difiza issottomettiet li kemm ilha inkarcerata l-imputata ghamlet miljoramenti f'hajjitha, u fi proceduri kriminali ohra kontriha bdiet procedura ta' medjazzjoni u qieghda thallas lill-vittmi ta' dak il-kaz.[11] Il-Qorti tirrileva fl-ewwel lok, li f'dawn il-proceduri d-difiza ma ressqet l-ebda prova ta' l-allegati miljoramenti li l-imputata ghamlet f'hajjitha. Fit-tieni lok, il-fatt li fi proceduri kriminali ohra, l-imputata qieghda thallas lill-vittmi taghha, ma huwa ta' l-ebda konsolazzjoni lill-vittmi taghha f'dawn il-proceduri, li baqghu ma thallsux, nehhi ghall-vittma wiehed, u tnejn ohra li parti mir-rifurtiva giet ritornata lilhom mill-Pulizija. Lanqas ma tista' din il-Qorti tiehu dan l-allegat fatt – u cioe li l-imputata qieghda thallas lill-vittmi taghha fi proceduri kriminali ohra - in konsiderazzjoni bhala xi forma ta' mitigazzjoni tal-piena f'dawn il-proceduri.

**39.** Fit-trattazzjoni orali, id-difiza talbet ukoll lil din il-Qorti tikkunsidra fl-eventwalita ta' sejbien ta' htija, piena li biha tista' tibbenefika kemm l-imputata billi tkompli skond hi tirriforma ruhha, u kemm il-vittmi f'dawn il-proceduri. Din il-Qorti ma tistax tifhem kif tista' tilhaq dan il-kompromess, meta l-imputata ma wriet l-ebda interess li tirrifondi lill-vittmi odjerni, u

[9] L-ammonti ta' €355 u €247, u li jiffurmaw il-meritu tal-imputazzjonijiet numri 48 u 49.
[10] Ara fol. 695 tal-process.
[11] Ara fol. 695.

lanqas gabet xi prova, li f'eventwalita ta' sejbien ta' htija, hija f'pozizzjoni finanzjarja li tirrifondi lil vittmi f'din il-kawza d-danni li sofrew.

**40.** Ghal kull buon fini, il-Qorti tirrileva li fil-kaz odjern, l-Artikolu 28(7) tal-Kodici Kriminali jippreskrivi li din il-Qorti ma tistax tinghata sentenza sospiza:

*"(a) meta l-ikkundannat ikun diġà qiegħed jiskonta sentenza ta' priġunerija; … …*
*(ċ) meta r-reat ikun sar fil-perijodu ta' probation jew ta' liberazzjoni taħt kondizzjoni skont l-Att dwar il-Probation."*

Fil-kaz odjern, l-imputata qieghda tiskonta diversi sentenzi ta' prigunerija, u f'dawn il-proceduri instabet hatja li kkommettiet ir-reati fil-perjodu operattiv ta' ordni ta' probation ai termini tal-Att dwar il-Probation. Ghalhekk, il-Qorti hija legalment prekluza li tati sentenza sospiza fil-kaz odjern.

**41.** Pero, kif diga inghad dan qed jintqal ghal kull buon fini, ghax din il-Qorti hija konvinta, li irrispettivament mill-projbizzjoni imposta mil-ligi, tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz odjern, l-piena idonea tista' tkun biss wahda karcerarja effettiva, u dan ghal tliet ragunijiet principali.

**42.** Fl-ewwel lok, il-Qorti tosserva li f' dan il-kaz jidher car mill-provi li l-imputata ghamlet qliegh a skapitu ta' numru konsiderevoli ta' negozjanti b'ingann u b' raggiri, u dana kontra l-principju fondamentalissimu li l-ezercizzju tal-kummerc u r-relazzjonijet kummercjali ghandhom isiru fi spirtu ta' *uberrima bona fide* (utmost good faith). Kieku kellu jitwarrab dan il-principju, l-ebda negozjant ma jaccetta cekkijiet. Ghalhekk l-Qrati tal-Gustizzja Kriminali ghandhom id-dover legali li japplikaw pieni proporzjonati izda adegwati sabiex iservu bhala deterrent effettiv ghal min jipprova jisfrutta din il-bona fede li qeghda fil-bazi tal-hajja kummercjali.

**43.** Fit-tieni lok, il-Qorti kkunsidrat wkoll il-fatt li l-imputata ikkommettiet dawn ir-reati fil-perjodu operattiv ta' tlett sentenzi sospizi u ordni ta' probation, fejn kienet giet misjuba hatja li ikkommettiet l-istess tip ta' reati li taghhom din il-Qorti qed issib lill-imputata hatja f'dawn il-proceduri. Dak iz-zmien il-Qorti kienet uriet grad ta' klemenza mal-imputata billi tat ordni ta' probation u ssopendiet l-effetti ta' dawk it-tlett sentenzi bl-isperanza li l-imputata tkun irrikonoxxiet l-izball li kienet ghamlet u ma tergax tikser il-ligi; izda dan il-beneficju li gie akkordat lilha mill-Qorti jidher li ma kellux l-effett desiderat stante li l-imputata regghet

ikkommettiet l-istess tip ta’ reati, u mill-fedina penali jirrizulta li hija nstabet hatja li ikkommettiet l-istess tip ta’ reati addirittura waqt li kienu pendenti dawn il-proceduri.

**44.** Fit-tielet lok, f’dawn il-proceduri, l-imputata ma wriet l-ebda interess li tirrizarcixxi lill-vittmi taghha id-danni li sofrew.

**45.** Fil-komputazzjoni tal-piena l-Qorti segwiet l-insenjament tal-Qorti Kriminali[12] fl-appell fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Salvu Depares**, deċiża fis-6 ta’ Marzu 1954, u cioe li fil-każ ta’ diversi reati kontra l-patrimonju, għall-finijiet tal-valur għandu jiġi meqjus il-valur ta' dak ir-reat li hu l-akbar fost il-valuri l-oħra. Fil-kaz odjern l-oghla cekk mahrug bi frodi kien fl-ammont ta’ €1560 (imputazzjoni numru 40 a dannu ta’ Iklin Comp Centre).

**46.** Fil-kaz odjern, l-imputata hija hatja tal-imputazzjonijiet indikati hawn taht, bil-piena massima kif kienet fis-sena 2008, meta gew kommessi ir-reati:[13]

1. Bir-reat kontinwat ta’ ricettazzjoni ta’ cekkijiet gejjin minn serq semplici – li hu suggett ghall-piena ta’ sena (1) prigunerija (Artikoli 18, 334(a) u 285 tal-Kodici Kriminali);

2. Bir-reat kontinwat ta’ falsifikazzjoni ta’ dokumenti - li hu suggett ghal piena ta’ sitt (6) snin prigunerija (Artikoli 18 u 167(1) tal-Kodici Kriminali);

3. Bir-reat kontinwat ta’ falsifikazzjoni ta’ atti pubbliċi, kummerċjali jew ta’ bank privat minn persuna li ma tkunx uffiċjal pubbliku - li bl-applikazzjoni tat-teorija tal-konkors formali jew ideali tar-reati ghandu jitqies ghal fini ta’ piena assorbit fit-tieni imputazzjoni;

4. Bir-reat kontinwat ta’ użu ta’ obbligazzjonijiet tal-Gvern jew ta’ dokumenti foloz – li hu suggett ghal piena ta’ (6) snin prigunerija (Artikoli 18 u 169 tal-Kodici Kriminali)[14]

---

[12] *Per* Imhallef William Harding.

[13] Fic-citazzjoni dawn l-imputazzjonijiet huma enumerati b’mod differenti, stante li l-imputata kienet originarjament giet mressqa l-Qorti b’citazzjoni wahda flimkien ma’ tlett ko-akkuzati ohra, pero ghal fini ta’ pratticita, f’din il-parti tas-sentenza il-Qorti se tenumerahom billi tibda bin-numru wiehed (1).

[14] Il-falsifikazzjoni u l-użu tad-dokument falsifikat ma jitqisux mezz għall-fini ai termini tal-Artikolu 17(h) tal-Kodici Kriminali – ara **Prof. Anthony Mamo**, **Notes on Criminal Law** (First Year) pg. 159.

5. Bir-reat kontinwat li ghamlet xjentement użu minn dokumenti foloz - li bl-applikazzjoni tat-teorija tal-konkors formali jew ideali tar-reati ghandu jitqies ghal fini ta' piena assorbit fir-raba' imputazzjoni;

6. Sitta u tlettin (36)-ir-reat ta' truffa (ghax il-Qorti ser tillibera lill-imputata minn zewg imputazzjonijiet tar-reat ta' truffa) ghad-dannu ta' persuni differenti, xi whud bhala awtur u ohrajn bhala komplici, fejn il-hsara ma kinietx aktar minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) - li ghal fini ta' piena se jitqiesu li huma assorbiti fit-tieni u fir-raba imputazzjoni stante li bejniethom hemm in-ness ta' mezz ghall-fini (Artikolu 17(h) tal-Kodici Kriminali);

**47.** Il-piena tat-tieni imputazzjoni ta' falsifikazzjoni kontinwata ta' dokumenti, li hija wahda miz-zewg pieni l-izjed gholja, flimkien mal-pieni tal-ewwel imputazzjoni ta' ricettazzjoni u tar-raba' imputazzjoni ta' uzu kontinwat ta' dokumenti foloz, jwasslu ghal piena massima ta' disa' (9) snin u sitt (6) xhur prigunerija (bl-applikazzjoni tad-disposizzjonijet preskritti fl-Artikoli 17 tal-Kodici Kriminali u bl-applikazzjoni tat-teorija tal-konkors formali jew ideali tar-reati).

**48.** Il-Qorti hadet in konsiderazzjoni wkoll li ai termini tal-Artikolu 43 tal-Kodici Kriminali *"(b)arra minn meta l-liġi tgħid xort'oħra, il-kompliċi f'delitt jeħel il-piena stabbilita għall-awtur."*

**49.** Apparti l-piena karcerarja li ghandha tigi erogata ghar-reati kommessi mill-imputata, il-Qorti hija tal-opinjoni li t-tlett sentenzi sospizi ghandhom jigu fis-sehh, u li l-imputata ghandha tigi trattata wkoll talli kisret ordni ta' liberazzjoni kundizzjonata.

**50.** Pero mix-xhieda ta' Franklin Calleja, Assistent Registratur tal-Qrati Kriminali,[15] u s-sentenzi minnu ezebiti, jirrizulta li b'sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali[16] tal-15 ta' Lulju 2013 irrendiet operattiva s-sentenza sospiza tat-2 t'Ottubru 2007, u z-zewg sentenzi sospizi l-ohra u cioe dik tal-31 t'Ottubru 2007 u dik tas-6 ta' Dicembru 2007 gew estizi b'sentejn. Mix-xhieda tal-Assistent Registratur jirrizulta li l-ebda Qorti ma irrendiet operattivi dawn l-ahhar zewg sentenzi sospizi.

---

[15] Ara fol. 648 *et seq.*
[16] *Per* Imhallef Lawrence Quintano. Ara is-sentenza ezebita bhala Dok FC 4 a fol. 675 *et seq.*

**51.** Inoltre minn din is-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali tal-15 ta' Lulju 2013 jirrizulta li l-istess Qorti tal-Appell Kriminali diversament preseduta,[17] b'sentenza moghtija fl-14 ta' Settembru 2011, kienet ipprovdiet dwar il-ksur tal-ordni ta' Probation moghti fil-konfront tal-imputata bis-sentenza ta' din il-Qorti tat-12 t'April 2007.[18] Din is-sentenza tal-14 ta' Settembru 2011 giet ukoll ezebita mill-Assistent Registratur, fuq ordni ta' din il-Qorti.[19] Minn din is-sentenza, jirrizulta li l-imputata diga kienet instabet hatja li kisret din l-ordni ta' probation u nstabet hatja ta' hekk b'sentenza ta' din il-Qorti diversament preseduta tas-6 ta' Dicembru 2007.[20] Dan gie konfermat ukoll minn din il-Qorti, li hadet *judicial notice* ta' din is-sentenza tas-6 ta' Dicembru 2007, deciza minn din il-Qorti, diversament preseduta,[21] u dan fl-interess tal-istess imputata, li minkejja li bid-digriet ta' din il-Qorti tal-1 t'Ottubru 2021[22] inghatat il-fakolta li tipprezenta nota' b'kopja legali tas-sentenzi li hi qed tallega li trattaw jew irrendew operattivi s-sentenzi imsemmija fic-citazzjoni, hija naqset li taghmel dan, anke sas-seduta tal-15 ta' Novembru 2021.[23]

**52.** Kif gie osservat fid-digriet taghha tal-1 t'Ottubru 2021, din il-Qorti hija perplessa ghalfejn ladarba is-sentenzi li l-imputata hija mixlija li kisret fic-citazzjoni qed jigu skontati fil-prezent, id-difiza ma resqitx prova ta' dan fl-istadju tal-provi taghha, jew tal-inqas meta ipprezentat in-nota ta' sottomissjonijiet finali taghha, anke jekk bhala argument sussidjarju. Dan l-ezercizzju sar biss mill-Assistant Registratur fuq ordni tal-Qorti maghmul *ex officio* fid-digriet taghha tal-1 t'Ottubru 2021, u d-digriet moghti waqt is-seduta tal-15 ta' Novembru 2011. Id-difiza bl-ebda mod ma ghenet f'dan l-ezercizzju li sar.

**53.** Fuq il-bazi tal-principju *ne bis in idem*, din il-Qorti ma tistax tinfliggi piena doppja ghas-sentenza sospiza tat-2 ta' Ottubru 2007 u fuq l-ordni ta' probation imposta bis-sentenza tat-12 ta' April 2007 liema sentenzi l-imputata kisret, u li l-imputata diga skontat jew qed tiskonta l-piena taghhom, ghaliex fil-mori ta' dawn il-proceduri inghataw sentenzi ohra dwarhom.

**54.** Pero, kif diga inghad mix-xhieda tal-Assistent Registratur Franklin Calleja jirrizulta li s-sentenzi sospizi tal-31 t'Ottubru 2007 u dik tas-6 ta' Dicembru 2007 ma gew qatt rezi

---

[17] *Per* Imhallef David Scicluna.
[18] Ara fol. 681 tal-process.
[19] Ara fol. 686 *et seq.* tal-process.
[20] Ara fol. 688 tal-process.
[21] *Per* Magistrat Antonio Mizzi.
[22] Ara fol. 644 tal-process.
[23] Ara fol. 646 tal-process.

operattivi minn xi Qorti, u allura fl-opinjoni ta' din il-Qorti, tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, dawn is-sentenzi ghandhom jigu rezi operattivi.

**Konkluzjoni**

**55.** Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti:

1. Issib lill-imputata mhux hatja tal-imputazzjonijiet li jgibu n-numru 21 u 58 fic-citazzjoni u qed tilliberaha minnhom;

2. Wara li rat l-Artikoli 18, 334(a), 285, 167(1), 183, 169, 184, 308, 310(1)(b), 28A, 28B u 28F tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, kif vigenti fid-data li fiha gew kommessi r-reati, u tal-Artikoli 7 u 23(1)(a) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputata hatja bhala awtur tal-imputazzjonijiet numri 14, 15, 16, 17, 18, 19, 27, 30, 31, 32, 33, 40, 42, 43, 46, 48, 49, 54, 61, 64 u 65.

3. Wara li rat l-Artikoli 18, 308, 310(1)(b) u 42(c), (d) u (e) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, kif vigenti fid-data li fiha gew kommessi r-reati, issib lill-imputata mhux hatja bhala awtur, izda hatja bhala komplici tal-imputazzjonijiet numri 20, 22, 23, 24, 25, 26, 28, 29, 34, 41, 44, 45, 47, 50, 51, 52, 53, 55, 56, 57, 58, 59 u 60.

4. Tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, il-Qorti tikkundanna lill-imputata ghall-piena karcerarja ta' erba' (4) snin.

5. Tastjeni milli tittratta mal-hatja talli ikkommettiet r-reati li taghhom instabet hatja b'din is-sentenza fil-perjodu operattiv tas-sentenza sospiza moghtija minn din il-Qorti diversament preseduta, fit-2 t'Ottubru 2007 ai termini tal-Artikolu 28B tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u dan stante li din is-sentenza sospiza giet diga reza operattiva, b'sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali tal-15 ta' Lulju 2020.

6. Tastjeni milli tittratta mal-hatja talli ikkommettiet r-reati li taghhom instabet hatja b'din is-sentenza fil-perjodu operattiv ta' ordni ta' probation moghtija minn din il-Qorti diversament preseduta, fit-12 t'April 2007 ai termini tal-Artikoli 7 u 23(1)(a) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, u dan stante li l-hatja giet diga ittrattata ghal

ksur ta' din l-ordni ta' probation, b'sentenza ta' din il-Qorti diversament preseduta tas-6 ta' Dicembru 2007.

7. Tordna, ai termini ta' l-Artikolu 28B(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, li l-piena ta' sentejn (2) prigunerija sospizi ghal tlett (3) snin moghtija permezz ta' sentenza fl-ismijiet "Il-Pulizija vs Alexia Cross" mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fil-31 t'Ottubru 2007 tigi reza operattiva.

8. Tordna ulterjorment, ai termini ta' l-Artikolu 28B(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, li l-piena ta' disa' (9) xhur prigunerija sospizi ghal sentejn (2) snin moghtija permezz ta' sentenza "Il-Pulizija vs Alexia Cross" mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fis-6 ta' Dicembru 2007 tigi reza operattiva.

   Ghaldaqstant il-hatja ghandha tiskonta perjodu globali ta' sitt (6) snin u disa' (9) xhur prigunerija.

**Magistrat**

**Doreen Pickard**
**Deputat Registratur**